# Il-Qniepen li Għandha r-Rotunda



*minn Joseph BORG*



*Ir-Rotunda kif imżejna f'jum Santa Marija.*

**Fiż-żewġ** kampnari li għandha l-Knisja Arċipretali tal-Mosta hemm b'kollox seba' qniepen. M'humiex sett fil-veru sens tal-kelma għax ma sarux f'salt. Saru f'medda ta' 97 sena jekk ngħoddu dawk li ntirtu mill-Knisja Parrokkjali l-qadima u nistgħu ngħidu wkoll li saru l-aktar minn fost il-ġbir tal-kleru u l-poplu Mosti. Fost ix-xbihat qaddisa li jidhru fuqhom, tispikka l-aktar u bir-raġun dik ta' l-Assunta, il-Patruna tal-Mostin. Ix-xbiha tagħha tidher b'sodisfazzjon fuq ħamsa mill-qniepen li għandna. Għalkemm m'humiex sett, it-tonalità sabiħa li għandha l-qanpiena l-kbira fosthom, tiġborhom ilkoll, meta tismagħhom jindaqqu tajjeb flimkien. Jinstemgħu jdoqqu tassew sabiħ u forsi isbaħ mis-soltu, fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Marija kif ukoll fil-lejl tal-Milied Imqaddes.

Dari, iżjed mil-lum, leħinhom kien aktar jinstama', għax kienu jindaqqu iżjed ta' spiss u aktar kmieni. Ilu, żgur li kien hemm iżjed min idoqqhom; mill-banda l-oħra llum, minħabba li ż-żminijiet tbiddlu, m'għadhomx jinstemgħu jdoqqu kmieni fil-għodu. Kull waħda minnhom għandha ddur magħha skrizzjoni bil-latin li tgħid ġrajjitha u x-xbihat qaddisa fuq kull waħda ma jonqsux.

## 'Ta' l-anġli'

Naraw ftit kull waħda x'tgħidilna u nibdew bil-qanpiena ż-żgħira, għax hija drawwa fil-Mosta, bħalma hi f'ħafna parroċċi oħra, li l-moti jibdew idoqqu biż-żgħira. Però nżidu ngħidu li mhux fil-parroċċi kollha huwa hekk għax f'xi wħud jibdew bil-kbira. Din tindaqq fil-moti l-aktar sollenni ta' matul is-sena. Fuqha m'hemm l-ebda skrizzjoni iżda biss, skudett b'salib fin-nofs u b'kuruna fuqu. Aħna l-Mostin insibuha bħala 'Ta' l-Anġli'. Jista' jkun li tlaqqmet hekk, għax kienet u għadha ddoqq fil-funerali tat-trabi, li dawn minħabba l-innoċenza tagħhom nassoċjawhom ma' l-anġli. Illum, meta l-mortalità tat-trabi kważi nqerdet, qajla nisimgħuha f'okkażjonijiet bħal dawn. Kienet tinstama' wkoll waqt xi 'Lawdi' li kien ikun bħala ringrazzjament li xi omm kienet tkun welldet u ħelset b'wiċċ il-ġid. Fiż-żewġ okkażjonijiet li semmejna 'Ta' l-Anġli' kienet tkun akkumpanjata minn dik 'Tal-Mewt'.

## 'Tal-Mewt'

Il-qanpiena li aħna nafuha bħala 'Tal-Mewt' saret mill-funditur Bormliż Ġulju Cauchi fl-1879 fil-funderija li kellu f'Bormla u qamet Lm120. Fuqha jidhru x-xbihat ta' Santa Marija u ta' San Ġużepp. Nisimgħuha kuljum iddoqq it-tokki tagħha għall-quddies kollu li jsir fil-Parroċċa, b'eċċezzjonijiet żgħar nhar ta' Ħadd, u daż-żmien m'għandniex xi ngħidu, dejjem wara s-sitta ta' fil-għodu. Ngħidulha 'Tal-Mewt' għax tħabbar flimkien ma' oħrajn xi 'trapassjoni' jew xi funeral. Leħinha wkoll flimkien ma' dak 'Tal-Ġdida' u 'Tas-Salib' isejjħu n-nies kull fil-għaxija għar-reċta tar-Rużarju Mqaddes.

## 'Il-Ġdida'

Skond l-iskrizzjoni bil-latin li tidher fuq din il-qanpiena, kien il-Kappillan Mosti Dun Franġisk Camilleri li rrestawraha minn butu, kabbarha u taha bħala rigal fl-1878. Ix-xogħol tagħha sar fil-funderija ta' l-Aħwa Ġulju Cauchi ta' Bormla. Min kif qiegħed id-diskors fl-iskrizzjoni nistgħu nikkonkludu li din il-

qanpiena saret minn waħda eqdem minnha li possibilment kienet tal-Knisja Parrokkjali l-qadima. Swiet ukoll Lm120 u billi kienet reġgħet saret ġdida baqgħet imlaqqma bħala 'Il-Ġdida'. Idoqquha għall-quddies ta' meta tkun festa tal-'prima klassi' u tindaqq ukoll kull nhar ta' Ħadd għall-quddies ta' l-għaxra u dik tal-ħdax. Sa ftit snin ilu, it-tokki tagħha kienu għadhom jinstemgħu wkoll kull meta ddoqq xi 'agunija' għal xi ħadd imsieħeb fl-opra tal-'Buona Morte'.

## 'Tas-Salib'

L-iskrizzjoni latina li hemm fuq din il-qanpiena tgħidilna li kienet mogħtija bħala wegħda minn ċertu Kostanz Fenech, benefattur imsemmi ta' din l-Imqaddsa Knisja Parrokkjali u tal-poplu kollu flimkien. Hija tifkira tal-knisja l-qadima u nħadmet fil-funderija ta' l-Aħwa Triganza fl-1784. Ix-xbihat li naraw fuqha huma ta' Kristu Msallab u ta' Santa Marija. Leħinha sabiħ nisimgħuh flimkien ma' dik 'Tal-Ġdida' waqt xi 'trapassjoni' jew meta xi ħadd jgħaddi għall-ħajja ta' dejjem. Ħadet isimha mix-xbiha ta' Ġesù Msallab fuq is-salib li tidher fuqha.

## 'Id-Dumnikana'

Oriġinarjament din il-qanpiena kienet tal-Parroċċa Dumnikana ta' Portu Salvu tal-Belt Valletta. Ħadet postha mal-qniepen tagħna fl-1947, meta nxtrat mingħand il-Parroċċa ta' San Duminku, wara li din il-parroċċa kienet għamlet sett ta' qniepen ġodda għand '*Taylor*'. Skond ma hemm miktub fuqha, għamilha wkoll Ġulju Cauchi. Saret fl-1881 bit-tħabrik ta' Patri Pawl Duminku Cauchi O.P. Ix-xbihat li hemm fuqha juru d-Duluri, San Ġużepp, San Duminku u San Vinċenż Ferreri. Ħadet post il-qanpiena li kellha qabilha li kienu jgħidulha 'L-Antika', li dwarha jingħad li kienet il-qanpiena l-kbira tal-Knisja Parrokkjali l-qadima. Kienet miksura u kienet iddoqq biss ma' l-arloġġ biex turi s-siegħat. Dan ix-xogħol, issa qed tagħmlu 'Id-Dumnikana' li ddoqq wara 'Il-Ġdida' li tindika l-kwarti. 'Id-Dumnikana' tindaqq ukoll għall-quddies ta' nhar Santa Marija.

## 'Il-Fustanija'

Din tinsab fil-faċċata tal-kampnar ta' fuq il-lemin tagħna kif inħarsu lejn il-faċċata tal-knisja. L-iskrizzjoni ta' fuqha tgħidilna li ġiet fonduta bil-ġenerożità tal-Kleru u l-poplu Mosti fl-1863. Ma jissemmiex isem il-funditur tagħha, iżda jingħad li hi wkoll ta' Ġulju Cauchi. Berikha l-Isqof Gaetano Pace Forno nhar it-18 t'Ottubru 1863. Fuqha hemm ix-xbihat ta' Santa Marija, tal-Kunċizzjoni, ta' San Ġwann Battista u ta' San Pawl. It-tokki tagħha kienu jinstemgħu kull meta kien joħroġ xi vjatku mill-knisja u meta kien għadhom jindaqqu t-tokki ta' 'Siegħa lejl'. Iddoqq ukoll għal xi quddiesa speċjali ta' matul is-sena.

## 'Il-Kbira'

Il-qanpiena l-kbira tinsab għaliha fil-faċċata tal-kampnar ta' fuq ix-xellug tagħna ta' kif inħarsu lejha. Tinsab fil-post li jixirqilha, fil-kampnar lemini tal-knisja għax propjament dik hi n-naħa tal-lemin tal-knisja u għalhekk tieħu d-dritta fuq sħabha l-oħra tal-kampnar tal-lvant. Din saret mid-ditta Taljana ta' Ġenova ta' l-Aħwa funditturi Boerofu Venanzio fl-1864. Saret mill-ġbir minn fost il-Kleru u l-poplu Mosti u swiet Lm534. Fost il-kliem li jidher fuqha hemm din is-sentenza bil-Latin: "*Audite Gentes de Longe Vocem Meam*" li bil-Malti tfisser: "Isimgħu Ġnus Leħni mill-Bogħod". Ix-xbihat li ġġib fuqha huma dawk ta' Santa Marija fuq quddiem, San Ġużepp u San Pawl fil-ġnub, u wara s-Salvatur. Ġiet imbierka, kif ukoll ikkonsagrata filwaqt li msemmija '*Maria*



*Il-qanpiena l-kbira li hemm għaliha fuq il-kampnar tan-naħa tal-Punent.*



*L-Isqof Gaetano Pace Forno li bierek u kkonsagra l-qanpiena l-kbira u bierek ukoll dik fustanija.*

*Assumpta*' mill-Isqof Gaetano Pace Forno nhar id-29 ta' Diċembru 1864.

L-antiki kienu jsibuha bħala 'Tal-Maħluġ' għax kienet saret bil-flus, il-biċċa l-kbira minnhom miġburin mill-qligħ tal-maħluġ jew qoton li l-bdiewa Mostin ta' dak iż-żmien kienu jkabbru fl-għelieqi tagħhom. Għalkemm skond kif jingħad, tiżen biss 43 qantar leħinha wisq ħlejju jwassal tassew fil-bogħod. Nisimgħuha kuljum fit-tmienja u f'nofs inhar tħabbrilna l-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Hija tassew ħasra li minn xi sentejn 'il hawn m'għadniex nisimgħuha wkoll tħabbrilna l-ħin ta' l-'Ave Marija'. It-tokki tagħha kienu jinstemgħu wkoll kmieni fil-għodu qabel l-ewwel quddiesa li kienet toħroġ fl-erbgħa bid-daqq tal-'*Pater Noster*' u tard fil-għaxija fil-bidu tal-lejl f''Ta' l-Imwiet'. Ta' l-anqas, żammejna t-tradizzjoni li nisimgħu t-tokki tagħha lejliet Santa Marija wara li tinħaraq kull raddiena taġ-ġiġġifogu hi u tħabbrilna l-festa l-kbira ta' l-għada, bil-qofol tagħha l-quddiesa sollenni bil-paniġierku fiha fuq l-Assunta. 'Il-Kbira' wkoll, kull nhar ta' Ħamis fil-għaxija, flimkien ma' sħabha jħabbru 't-twaqqif ta' l-Ewkaristija' u kull nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofs inhar 'il-mewt ta' Kristu'.

## Għeluq

Setgħu kienu akbar, setgħu kienu isbaħ - dawn huma l-qniepen tat-tempju li sebbaħ l-art Maltija. Jibqgħu jfakkruna tul iż-żmien, fl-imgħoddi - meta t-tqassim taż-żmien kien għadu tista' tgħid għal kollox f'idejn il-knisja - meta l-arloġġi kien għadhom rari u għalhekk il-ħinijiet tal-jum kienu kollha mħabbra mit-tokki tagħhom li kienu jgħinu n-nies kif iqassmu l-jum għax-xogħol.

Ifakkruna fuq kollox f'dawk niesna fqajrin ta' ilu u fl-imħabba tagħhom sinċiera lejn Alla u lejn il-knisja tiegħu.

F'mumenti ta' ferħ, f'mumenti ta' niket, fil-għodu u fil-għaxija, il-qniepen kienu, għadhom u nittamaw li jibqgħu jsejħu n-nies għat-talb u lejn il-knisja. Għal dawk li jemmnu huma l-leħen t'Alla.

*Riferenzi:*


1. ***Musta - It's Memories and Charms*** *(1911) - Rev. Edgar Salomone, pġ. 23.*
2. ***Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha*** *(1930) - E.B. Vella, pġ. 177.*
3. ***Bliet u Rħula Maltin*** *(1971) - Alfie Guillaumier, pġ. 120.*
4. ***'Il-Mosta'*** *Nru. 79, April/Mejju/Ġunju 1978 - Opri sbieħ li għandha l-Knisja Arċipretali Tagħna (6) - Il-Qanpiena l-Kbira - Joseph Borg.*
5. *Ħajr lis-sur Raymond Grech li ħa paċenzja bija u telgħa fuq il-kampnari u ġabli miktubin l-iskrizzjonijiet u x-xbihat li jidhru fuq is-seba' qniepen.*
6. *Ħajr ukoll lil Dun Karm Mifsud ta' l-għajnuna li tani billi fissirli bil-Malti l-iskrizzjonijiet Latini li fihom ilqniepen tar-Rotunda.*


*22 ta' Jannar 2003.*


